# Stqarrija Għall-Media

kummissjoni djoċesana żgħażagħ

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 18/06/08 |
| **Ref:** | KDŻ 07/08 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## Awakening Asaph

Awakening Asaph huwa kunċett gdid fil-mużika lokali. Awakening Asaph hi compilation ta' diski oriġinali li nkitbu matul is-sentejn li għaddew minn għaxar bands insara lokali; għalhekk jagħtuna stampa ċara ta' dak li ż-żgħażagħ illum iridu jgħidu, u jisimgħu. Din il-kollaborazzjoni bejn il-bands involuti, kollha bl-stili differenti u bl-ideat tagħhom turi kemm il-Knisja żagħżugħa tifhem u tfittex is-sinerġija. Il-bands lokali huma Cornerstone; Comunio; Quicksand; His Project; SDC; D-Xtremes; Footprints; EFG; Salesian River of Worship u FYC Crossbows. Dan il-qawmien ġdid fil-Christian Rock lokali hu fenomenu li qieghed jibdel il-mod kif l-insara jiddjalogaw mal-bqija tas-soċjeta`.

Awakening Asaph se tinħareġ uffiċċjalment permezz ta' kunċert mill-istess bands, nhar il-Ġimgha, 27 ta' Ġunju fil-bitħa ta' l-Oratorju Salesjan tas-Sliema, fit-8:30pm. Id-dħul huwa b'xejn u jkun hemm ukoll parkeġġ bla ħlas fil-grounds ta St. Patrick's, faċċata. Dak in nhar tal-Launch, il-compilation Awakening Asaph tkun ghal-bejgħ bi skont ta' 10%.

Aktar informazzjoni dwar il-compilation u l-Launch kif ukoll Preview clips tad-diski, jinsabu fuq is-sit elettroniku: www.awakeningasaph.org.

TMIEM■■■■

flimkien għas-servizz taż-żgħażagħ